

Kitba ta'
Mario Attard

# Mikiel Anġ Vella 1710-1792 Maestro di Cappella tal-Parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla għal Tletin Sena Sħaħ



### Għejun ta' Tagħrif

Nibda billi nistqarr li l-volum ta' Joseph Vella Bondin, **Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax** servieni ta' għajn ewlenija. Rob. Mifsud Bonnici bil-ktieb tiegħu tal-1951 **Mużiċisti u Kompożituri** kienli ta' għajnuna. L-istess awtur irrepeta ruħu disa' snin wara bid-**Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali**. Biss, bħala sors bikri, il-fatt li qal li Dun Mikiel Anġ Vella twieled Bormla segwewh kittieba u riċerkaturi oħra li ġew warajh. Hekk jagħmel Joseph Vella fil-kontribuzzjoni tiegħu mgħammda "*Music*" fil-ktieb **Malta, Culture and Identity**. L-istess deher ukoll fil-**Heritage** numru 60 fil-*Portrait Gallery*. Imma fuq kollox, ukoll fl-eqdem sors li naf bih, **L'Arte**, Ġan Anton Vassallo fil-bijografija qasira li kiteb dwar Mikiel Anġ Vella jniżżel li twieled f'Bormla (lejn is-sena 1715).[1]

Fil-waqt li jiena mxejt fuq Vella Bondin, irreferejt ukoll għar-reġistru tal-magħmudija tal-parroċċa ta' L-Isla. Mill-istess paroċċa rreferjet ukoll għall-mewt ta' ommu bis-saħħa tar-reġistru tal-mejtin fil-waqt li mill-parroċċa ta' Bormla kkonfermajt il-mewt ta' M.A. Vella bil-kotba tal-mewt tiegħu.

Inkun qed nonqos jekk ma nżidx ingħid li l-istudju ta' Joseph Vella "*Music*" sibtu validu ħafna.

## Daħla

Is-suġġett ta' dan l-istudju jaf lill-eqdem evidenza mużikali sa issa miktuba fis-snin 1600, bl-eqdem kompożizzjoni mużikali li ħarġet minn idejn il-Maltin tkun tal-qassis Belti, Giuseppe Bolzano fis-sena 1652. Iżda l-figura ewlenija li sejra tkun ittrattata teħodna fis-Seklu 18. Dan is-seklu kien fetaħ bir-Rabti Pietro Griscti (1696-1738) jkun l-ewwel mużiċist Malti minn lista twila li ntbagħtu jistudjaw il-mużika f'Napli.

Pietro Griscti huwa ta' interess għal Bormla u l-Bormliżi, għaliex fil-waqt li ftit mill-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu għadhom jeżistu, il-parti l-kbira tagħhom jinsabu fl-Arkivju tal-parroċċa ta' Bormla[2]

Ma' l-iżvilupp tas-Seklu 18 tfaċċa bniedem ieħor importanti fil-qasam tal-mużika bikrija lokali, u li bħal Pietro Griscti kellu rabta mużikali sewwa ma' Bormla - il-qassis Senglean Mikiel Anġ Vella. Bis-saħħa ta' ħidmiet utli li wettaq M.A.Vella jibqa' meqjus bħala l-ewwel Malti li fetaħ l-ewwel skola tal-mużika f'Malta.

## Jitwieled Mikiel Anġ

Michel Angelo Vella twieled l-Isla nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru 1710. Il-ġenituri tiegħu kienu Federico u Maria (kunjomha ta' xebba Barbet). Minbarra Michel Angelo, huwa ngħata wkoll l-ismijiet ta' Leonardo, u Felix. Tgħammed minn ċertu Dun Antonio Seichel.[3]

Il-familja li ħareġ minnha Michel Angelo kienet sinjura mhux ħażin għal żmienha. Barra minn hekk din il-familja kellha rabtiet tajba ma' persuni li kienu ta' influwenza. Il-familja Vella kellha wkoll konnessjonijiet ta' natura marittima.

## Lejn Ħajja Saċerdotali

Sa minn ċkunitu, Michel Angelo wera ġibda lejn il-ħajja saċerdotali. Fil-fatt, ta' 11-il sena kien diġà magħruf bħala kjeriku. Dan kien ifisser li kien irċieva l-ewwel tonsura u kien aċċettat li ried jiddedika ħajtu għall-ministeru tal-Knisja[4].

Michel Angelo laħaq l-ogħla tarġa li kellha twasslu għas-saċerdozju meta nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru 1725 irċieva t-tonsura ta' l-akkoltu[5].

Bħala kjeriku, Michel Angelo Vella kien fil-knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu.

Ftit inqas minn ħames snin wara, siefer għal Napli fejn wettaq l-istudji tiegħu li kienu meħtieġa sabiex ikun jista' jingħata l-Ordni Sagri. Fil-fatt, tmien snin wara, nhar il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 1738, sar qassis ftit wara li kien għalaq it-28 sena, fil-parroċċa ta' Acerna, provinċja ta' Napli. Fil-bidu tas-sena ta' wara, Dun Mikiel Ang Vella rritorna Malta, fejn beda jwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fl-Isla, fejn twieled.

## Il-Mużika f'Malta fi żmien M.A.Vella

Il-mużika sagra kienet tiddomina l-ħajja mużikali f'Malta. Il-mużiċisti li kienu jinbtu kienu jitrawmu f'din ix-xorta ta' dixxiplina mużikali sa ma huma wkoll xi darba jibdew jikkomponuha. Is-soċjetà Maltija kienet tiddarras quddiem xi biċċa mużika profana u f'għajnejha u fi ħsiebha lill-kompożitur tagħha kienet tneħħilu kull xorta ta' dehen.

Il-ftuħ tat-Teatru Manoel fl-1732 kien frott it-twessigħ kulturali li kellhom il-kavallieri ta' San Ġwann. Dawn, għalkemm kienu rħieb ta' Ordni reliġjuż xejn ma kienu tal-fehma li kellhom il-Maltin.

Għall-mużiċisiti u kompożituri, partikularment dawk Maltin, it-Teatru Manoel fetħilhom orizzonti mużikali ġodda. Lill-mentalità Maltija beda jedukaha...għenha tifhem u taċċetta li l-kobor tal-mużika jitgawda fit-totalità tiegħu u mhux minflok dak li jkun jinfaxxa rasu ma' settur wieħed biss. Lil din ir-riforma għenuha tirnexxi mużiċisti-kompożituri Maltin li issa kienu twebblu bis-sħiħ fil-kitba tal-mużika profana.

Kellhom jgħaddu iżda 64 sena mill-ftuħ tal-Manoel biex l-ewwel Malti, Nicolo' Isouard, italla' opra (naturalment bit-Taljan). Mikiel Anġ Vella, miżmum bħala t-tieni kompożitur Malti wara Geronimo (jew Gerolamo) Abos (1706-1786), ma kitibx opra. Ir-raġuni għal dan il-fatt nifhmuha bħala sens ta' rispett lejn il-qagħda saċerdotali tiegħu. B'danakollu xorta waħda kiteb xogħlijiet semi-profani. Żewġ eżempji minn dawn ix-xogħlijiet huma **Astrea e Pallade** u **Gli Applausi della Fama**.

## L-Inklinazzjoni Mużikali

Dwar il-ġibda bikrija li Michel Angelo ħass ġewwa fih lejn il-mużika, ma nafux sewwa, ta' lanqas sa issa. Biss, meta bħala kjeriku serva fil-knisja ta' San Lawrenz, fil-Birgu, huwa espona ruħu għal mużika ta' livell għoli. Ir-raġuni għal dan kollu kienet ir-rabta mill-qrib bejn l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u l-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, li bejn is-snin 1530 u 1571 serviet ta' knisja Konventwali ta' l-istess Ordni. Barra minn hekk, li jkun kjeriku, Mikiel Angelo ħtieġlu li jkollu għarfien tajjeb tal-mużika u vuċi intonata u sabiħa.

Fi ftit kliem, sa ma wasal biex sar kjeriku, Michel Angelo kien diġà midħla sewwa ta' l-arti mużikali.

Il-Ġimgħa, 14 ta' Lulju 1730 huwa baħħar lejn Napli l-ewwel nett sabiex jagħmel l-istudji meħtieġa sabiex isir qassis, kif ukoll sabiex ikompli jitħarreġ fil-mużika. Kien għadu ma għalaqx l-għoxrin sena. Fil-fatt, ħames xhur qabel għalaq l-età msemmija, beda kors fil-Conservatorio di Santa Maria delle Pietà dei Turchini. Nicola Fago, Andrea Basso u Leonardo Leo kienu s-surmastrijiet li tgħallem taħthom.

Meta reġa' lura Malta fil-bidu ta' l-1739, Dun Michel Angelo Vella mar joqgħod f'belt twelidu, l-Isla, fejn minbarra l-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-lokal, iżjed 'il quddiem fetaħ skola tal-mużika li permezz tagħha beda jikkontribwixxi lejn il-kultura Maltija.

Bħala kompożitur u għalliem tal-mużika nsibu memorandum li jġib ix-xahar ta' Mejju 1739 bħala żmien. Dan kien intbagħat lil Alpheran de Bussan, Isqof ta' Malta f'dak il-perjodu. F'dan il-memorandum M.A.Vella kien deskritt bħala Maestro di Cappella, jiġifieri li kien ikkwalifikat fl-abilità mużikali tiegħu bis-saħħa ta' kors twil biżżejjed biex jikkwalifika bis-serjetà fil-kompożizzjoni fid-diversi forom mużikali u kontemporanji. Fl-istess waqt din il-kwalifika kienet tagħtih id-dritt li jgħallem u jidderiġi l-mużika u jdoqq varjazzjoni ta' strumenti mużikali, partikolarment l-orgni u l-vjolin. Fuq kollox kien abbli li jesegwixxi b'awtorità u bi kwalità kbira kull biċċa xogħol fil-mużika sagra li seta' jkun ikkummissjonat għaliha[6].

Għalkemm kien deskritt fil-memorandum imsemmi bħala Maestro di Cappella, fir-realtà ma kienx ifisser li kien inkarigat minn xi knisja imma li kellu t-tliet fergħat li kull Maestro di Cappella kien mitlub li jeżerċita b'awtorità kbira. Dawn l-eżerċitazzjonijiet kienu fit-tagħlim, fil-prattika u fil-kompożizzjoni.

L-eżerċitazzjoni tiegħu ta' għalliem M.A.Vella ma setax japplikaha qabel ma l-Kurja ta'

l-Isqof ta' Malta toħroġ il-permess għal talba li tkun saret. Fil-fatt dan il-permess ingħatalu fl-1741, jew aħjar sentejn wara li kien irritorna Malta minn Napli. Dan il-permess kien jawtorizzah biex jgħallem il-grammatika, ir-retorika, il-filosofija, it-teoloġija u s-suġġetti umanistiċi fejn il-mużika kienet taqa' taħthom.

B'dan il-permess miksub, Mikiel Ang Vella seta' liberament jiftaħ skola tal-mużika f'belt twelidu. Bla dubju dan il-kontribut fil-qasam tat-tagħlim mużikali kien l-iktar effettiv. Il-metodoloġija tat-tagħlim tiegħu mmudellaha fuq dak li kien imexxi bih il-Konservatorju li tgħallem fih f'Napli, partikolarment it-teorija tal-mużika u l-kompożizzjoni, id-daqq ta' l-orgni u l-vjolini, kif ukoll il-kant.

Vella malajr ħa f'idejh it-tagħlim tal-mużika f'pajjiżna. Qablu, dan it-tagħlim kien f'idejn Padre Petro Callus. Mill-istudenti li tħarrġu u ħarġu mill-iskola mużikali ta' Vella nsemmu lil neputih Antonio Freri (li rnexxa bħala strumentalista), Salvatore Magrin, Giuseppe Burlon u Giuseppe Penun. Żewġ mużiċisiti oħra li nqatgħu f'livell għalihom kienu Francesco Azopardi u Nicolo' Isouard. Ma jistgħux jitħallew barra l-għadd ta' Kavallieri li tgħallmu minn idejn Vella.

Is-safar ta' M.A. Vella barra minn Malta ma kienx biss f'Napli imma wkoll f'Pariġi. F.G.Fetis (1748-1871), jgħidilna li madwar l-1750 Vella qatta' perjodu ta' ħidma mużikali fil-kapitali Franċiża.[7] Ma hix speċifika l-qagħda tiegħu hemmhekk, imma ċert huwa l-fatt li ħalla influwenza kbira fil-ħila mużikali tiegħu.

Fi Franza nsibuh jikteb u jistampa biċċtejn *trios* u sitt kwartetti.

Kif diġà nkiteb, Mikiel Anġ Vella ħalla mpatt qawwi ħafna fl-oqsma influwenti Pariġini. B'riżultat ta' hekk insibuh imniżżel fid-**Dictionaire Historique de Musiciennes** mill-edituri Charon u Fayolle. Fetis inkludieh fil-ktieb tiegħu **Biographie Universelles de Musiciennes et Bibliographie Generale de la Musique** fl-1881.

Fil-waqt li Charon u Fayolle ikkummentaw dwar il-qassis Malti bħala li wera li kien jixraqlu postu tassew fid-dizzjunarju tagħhom, Fetis iddeskriva lil Vella bħala kontrapuntist per eċċellenza.

## Riformista Mużikali

Mikiel Angelo Vella kien riformatur fit-tagħlim mużikali li ppreżenta ruħu bih. Joseph Vella Bondin f'**Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax**[8], jikteb li r-riforma li ppreżenta Vella kellha ideal rinaxximentali. Dan il-perjodu tar-rinaxximent marbut tradizzjonalment ma' l-aħħar nofs tas-Seklu Ħmistax u l-ewwel nofs tas-Seklu Sittax, huwa karatterizzat mit-tiżjin artisitku u letterarju, kif ukoll minn żvilupp aktar ħieles tal-ħsieb bħala riżultat tal-bniedem konxju mill-mezzi u l-qawwa li għandu.

F'dik li hija metodoloġija, jekk inqabblu lil Patri Petro Callus ma' Dun Mikiel Anġ Vella, insibu lil ta' l-ewwel motivat primarjament mill-għanjiet ekklesjastiċi. Biss, il-fatt li l-mużika ma baqgħetx aktar xi ħaġa tal-knisja biss, għamilha aktar possibli għar-riforma li daħħal M.A. Vella.

Frendo u Friggieri jippreżentaw lil Vella bħala pijunier fejn tidħol il-kantata sekulari. Dan il-fatt jista' jinftiehem malajr meta nqisu li qabel Vella infiltra f'dan il-qasam, il-kantata kienet tkun dominju assolut f'idejn il-kompożituri Taljani, partikolarment l-aħwa Giuseppe u Melchiore Sammartini.

Il-kantata kienet biċċa mużikali partikularment għal qalb il-Kavallieri ta' San Ġwann, apparti milli kienet imfittxija mill-għonja Maltin.

Bejn is-snin 1740-1758 insibu lil Vella jikteb il-kompożizzjonijiet li ġejjin u li għenuh isib postu f'din ix-xorta ta' attività mużikali. Ix-xogħlijiet huma: **Astra e Pallide, La Virtù Trionfante, La Giustizia di Nettuno e La Religione Gerosolmitana** u **Gli Applausi della Fama**.[9]

Fi kliem ieħor, il-mużika li daħlet fil-ħajja ta' kuljum tas-soċjetà għanja u medja, ma baqgħetx aktar xi ħaġa tal-knisja biss. Mikiel Anġ Vella fehem dan billi dejjem adatta għall-ħtieġijiet tal-mument.

Minbarra r-riforma msemmija, Vella kien il-bidu ta' sensiela ta' għalliema tal-mużika magħrufin sewwa għal ħilithom. Dan il-fatt kien ta' ħtieġa kbira għall-qasam mużikali lokali minn ġenerazzjoni għal oħra. Fil-waqt li ninkludi lil Mikiel Anġ Vella (1710-1792) nnifsu, inżid kronoloġikament lil Benigno Zerafa (1726-1804), Francesco Azopardi (1748-1809), Giuseppe Burlon (1772-1856), Giuseppe Magrin , Giuseppe Spiteri Fremond (1804-1879), Paolino Vassallo (1856-1923), Carmelo Pace (1906-1993) u Vincenzo Ciappara (1890-1979) fejn dan ta' l-aħħar ħareġ minn taħt idejn Paolino Vassallo. Irridu nsemmu lis-Surmast Carmelo Pace, li għadda minn taħt idejn iz-ziju ta' Paolino Vassallo, bħala l-aħħar fil-lista ta' katina ta' għalliema, bħala l-aħħar wieħed fil-lista tal-għalliema. Wara Mro. Pace infetħet l-iskola nazzjonali tal-mużika u bdew isiru korsijiet akkademiċi fil-mużika.[10]

## M.A. Vella u Kummissjonijiet ta' Mużika

Lil Mikiel Anġ Vella nsibuh ikun kummissjonat biex jikteb il-mużika għal diversi knejjes. Eżempju partikulari neħduh minn kummissjoni li l-parroċċa taż-Żurrieq kienet ordnatlu fl-1771. Fil-Libro Spettante tal-parroċċa msemmija,[11] Vella huwa deskritt bil-miktub bħala 'Maestro di Cappella della Chiesa Cathedrale". Minkejja dan, Rob. Mifsud Bonnici **f'Maestri di Cappella tal-Kattidral** jagħti lista ta' Maestri di Cappella fil-Kapitlu "Il-Mużika Sagra", imma M.A. Vella mhux inkluż. L-ewwel Maestro di Cappella Malti tal-Kattidral, jikteb Mifsud Bonnici, kien Dun Beninn Zerafa segwit minn Francesco Azzopardi.[12]

Dak iż-żmien il-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq kienet iġġib il-mużika mill-Kattidral għal żewġ funzjonijiet tal-festa: tal-primi vespri jew l-għasar ta' lejlet il-festa u tal-quddiesa kantata.

Il-kummissjoni msemmija swiet 50 skud. Dawn kienu jkopru mhux biss il-ħlas lil Vella u liż-żewġ baxxi, kif ukoll lill-mużika tal-Kattidral, imma wkoll is-servizz tal-kalessi biex iġibu u jieħdu lura lill-kantanti, mużiċisti u strumenti, kiri temporanju ta' dar għalihom, kok u ikel u xorb - dan peress li l-mużiċisti kienu jqattgħu l-lejl fil-lokal.

Joseph Vella Bondin (Vol.18, p.106) jikteb li M.A.Vella wasal biex aċċetta biss kummissjonijiet ta' mużika sakemm fl-aħħar, fil-15 ta' Marzu 1762, meta kellu 51 sena, aċċetta l-pożizzjoni ta' "Maestro di Cappella" tal-paroċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla. Irridu ngħidu li ma' din il-ħatra, Vella baqa' joqgħod flimkien ma' ommu fid-dar tagħhom ġewwa l-Isla.

Fit-12 ta' April 1774, Maria Vella, omm Mikiel Anġ, mietet fl-età ta' 76 sena. Żewġha Federico kien diġà mejjet.[13] Sentejn wara l-mewt ta' ommu. Fl-1776, M.A.Vella mar joqgħod Bormla fejn baqa' jgħix tul l-aħħar sittax-il sena ta' ħajtu bħala Maestro di Cappella tal-parroċċa ta' Bormla.

Bħala surmast ta' kappella mużikali ta' prestiġju, il-Maestro di Cappella jkun jista'

jipprattika l-professjoni mużikali tiegħu b'sodisfazzjon. Fl-istess waqt, kien ikun ikkummissjonat xorta waħda minn knejjes oħra, kif rajna fil-każ taż-Żurrieq fl-1771.

## Il-Mewt ta' Mikiel Anġ Vella

Nhar il-Milied tal-1792, Dun Mikiel Anġ Vella miet fl-età ta' 82 sena ġewwa Bormla. L-aħħar tletin sena ta' ħajtu qattagħhom Maestro di Cappella tal-parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla. Joseph Vella Bondin (Vol.18, p.106) jkteb dwar M.A.Vella li "indifen fl-istess parroċċa maestuża ta' Bormla fejn għal 30 sena semma l-mużika li kien jikkomponi" (ara r-Reġistru Nru.8 ta' l-Imwiet tal-Kolleġġjata u parroċċa ta' Bormla. Paġina 51).

## Kompożizzjonijiet Mużikali ta' M.A. Vella

Huwa minnu li n-nies ta' żmienu semgħu l-mużika kompożizzjoni tiegħu, imma maż-żmien ħafna minn dawn il-kompożizzjonijiet mużikali ntilfu.

Qabel niġu għall-kompożizzjonijiet mużikali li ħarġu minn idejn Dun Mikiel Anġ Vella, naraw kif Joseph Vella Bondin iddeskriva lill-istess Vella: "L-evidenza ta' dawn il-ftit xogħlijiet eżistenti tissuġġerixxi li **Vella kien konservattiv immens fil-mużika liturġika tiegħu.** Jidher li **emmen li l-post primarju fil-mużika tal-Knisja għandu jingħata lill-vuċi umana - u fejn din tiġi akkumpanjata, l-istrument għandu jkun l-orgni**".[14]

Robert Mifsud Bonnici jippreżenta lil Mikiel Anġ Vella bħala "**t-tieni mużiċista kompożitur wara Abos li tħajjar imidd għonqu għall-mużika tal-melodrama**".[15]

Ġan Anton Vassallo, f'paġna 5 ta' **L'Arte**, tat-22 ta' Jannar 1866, jiddeskrivi lil Mikiel Anġ Vella bħala"un fiore di prete da tutti bene amato". Ma jonqosx li jsemmi wkoll it-temperament nervuż li kien difett komuni fil-qassis. Ġan Anton Vassallo jżid jikteb "Guai al suonatore o cantante che in un orchestra da lui regolata sgarrasse mezza nota". Vassallo jkompli li anki l-Isqof mhux darba ġibidlu l-attenzjoni, imma l-qassis mużiċista kien jiskuża ruħu ( u hekk kien jagħmel ma' nies oħra) fejn kien iwaħħal fl-impetu nervuż li kellu fih.

Naraw issa l-kompożizzjonijiet sa fejn huwa possibli. Nibdew bix-xogħlijiet li b'xorti ħażina huma mitlufa.

- **5 kantati**, li tlieta minnhom inkitbu għal Calendimaggio (jew il-festi ad unur l-ewwel jum ta' Mejju). M.A. Vella kiteb dawn it-tlieta partikolari fis-snin 1740, 1741 u 1746. **Cantata per Maggio** huwa l-isem ta' l-aħħar kompożizzjoni mużikali minn dawn it-tlieta u t-test tagħhom inkiteb minn Fra Francesco Cavallo, li kien il-Kaptan tal-Belt Valletta. Ta' min jgħid li t-testi jinsabu miġbura fl-arkivji tal-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt.
- Fis-sena 1746 Vella kiteb **Gloria Mundi** għat-test bil-Latin ta' l-Avv. Baldassare Bernardi, biex tkun esegwita fin-novena tal-Milied.
- Il-kantata **Gli Applausi della Fama** nkitbet bis-saħħa ta' l-Inkwiżitur Mons. Gregorio Salviati li kien ikkummissjonaha flimkien mat-test tagħha miktub minn Gianantonio Ciantar.
- L-okkażjoni li għaliha nkiteb dan ix-xogħol kienet parti miċ-ċelebrazzjonijiet li kellhom isiru biex ifakkru l-ħatra tal-Papa Klement XIII fl-1758. Din il-kantata kienet indaqqet fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu.

- Ġewwa l-Knisja tal-Portu Salvu tal-Belt kienet indaqqet **Stabat Mater**. Dan kien fis-26 ta' Marzu 1774.
  Irridu ngħidu li l-għadd ta' opri mużikali li ħarġu minn idejn Mikiel Anġ Vella u li llum jitqiesu b'mitlufa, huma wisq iżjed mill-waħdiet imsemmija hawn fuq.
  Naraw issa x'baqa' mill-mużika ta' Vella.
- Fil-Konservatorju tal-Mużika San Pietro a Majella, Napli, fejn Mikiel Anġ Vella kien student, insibu l-opra **Dies Irae** għal erba' vuċijiet u orgni.
- Bil-pubblikazzjoni ta' **Sei Sonate a Tre Violini col Basso** li fl-1768 id-ditta Franċiża Huggard ta' Pariġi stampat, toħroġ lil M.A.Vella f'żewġ innovazzjonijiet: (a) M.A.Vella kien l-ewwel kompożitur Malti li kien jgħix f'Malta li kellu l-mużika tiegħu stampata, u (b) kien ifittex li jesplora forom mużikali ġodda.
- **Sitt xogħlijiet mużikali ta' natura liturġika** minn Vella milli jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa ta' Bormla li tagħha, kif nafu, kien il-maestro di cappella.
- **Libera me Domine** miktub għal erba' vuċijiet u *basso continuo*.
- Il-motett **Sancta et Immacolata Virginitas** għal tliet vuċijiet u kuntrabaxx li nkiteb biex jindaqq waqt il-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju.
- **Miserere** hija kompożizzjoni miktuba għal erba' vuċijiet u kuntrabaxx għall-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
- Għall-festa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla stess, Mikiel Anġ Vella kiteb l-opra mużikali għal erba' vuċijiet u *basso continuo* **Salve Sancta Parens**. Dwarha. Vella Bondin jiftaħ spjegazzjoni tajba. Hija forma li tista' tissejjaħ ternarja (xogħol mużikali maqsum fi tliet sezzjonijiet bit-tielet sezzjoni tkun ripetizzjoni ta' l-ewwel waħda).
  Fl-ewwel parti, il-vers ta' l-antifona fih tliet suġġetti mużikali maħduma kontrapuntalment (jiġifieri għaqda ta' żewġ melodiji jew Iżjed li flimkien jagħmlu sens mużikali)
  Fit-tieni parti, il-vers tas-salm u l-Gloria Patri huma bil-kant Gregorjan.
- Ix-xogħol jagħlaq bir-ripetizzjoni ta' l-antifona tal-bidu.
- Fl-arkivju tal-Kattidral ta' l-Imdina nsibu **Christus Factus Est**, xogħol mużikali għal erba' vuċijiet u kuntrabaxx, miktub għal Ħamis ix-Xirka.
- Mal-ħidma mużikali msemmija rridu nsemmu wkoll **Litanie** miktuba għal erba' vuċijiet u primi u sekondi vjolini. Din il-biċċa mużika mhix kompluta peress li għandha partijiet minnha mitlufin.

## *Mikiel Anġ Vella u l-Calendimaggio*

Iktar 'il fuq issemma l-Calendimaggio. Xi ħadd jaf jistaqsi dwarha. Fl-aħħar ta' April ta' kull sena kienet issir din iċ-ċelebrazzjoni magħrufa bħala Calendimaggio jew f'termini sempiċi l-Ftuħ ta' l-Istaġun inkella popolarment il-lum l-Ewwel ta' Mejju. Ġewwa Firenze hija l-festa tar-rebbiegħa - attività soċjali antika ħafna li għadha sseħħ sal-lum.

F'dik il-lejla ta' ħruġ April u dħul Mejju ġewwa l-palazz tal-Gran Mastru fil-Belt kienet tittella' okkażjoni soċjo-mużikali. Il-Kaptan tal-Belt kien ikun imqabbad ta' kull sena mill-Gran Mastru nnifsu biex jagħżel kompożitur-mużiċista Malti jew barrani fejn jesegwixxi l-kantati kompożizzjoni tiegħu minnu stess.

Mikiel Anġ Vella ntgħażel iżjed minn darba, tnejn. Darba minnhom, sforz il-karattru stinat u nervuż li kellu, xellef difru mal-Kaptan tal-Belt u fuq ordni tal-Gran Mastru ma ntgħażilx iżjed.

**Referenzi:**

[1] *L'Arte*, No.77, Lunedi, 22 Gennaio 1866, p.2

[2] "Music" riċerka miktuba minn Joseph Vella fil-ktieb li għandu b'edituri lil Henry Frendo u Oliver Friggieri, *Malta Culture and Identity*, Ministry for Youth and the Arts, 1994, p.165.

[3] *Lib. Bapt. Par. Seng.* Vol.III, Fol. 144r

[4] *Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax*, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.18, PIN, 2000, p.104

[5] *Ibid.*, p.105

[6] *Ibid.*, p.105

[7] *Ibid.* p.105

[8] *Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax*, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.18, PIN, 2000, p.106

[9] *Malta Culture and Identity*, Henry Frendo u Oliver Friggieri, Ministry for Youth and the Arts, 1994, p.166

[10] *Malta Culture and Identity*, Henry Frendo u Oliver Friggieri, Ministry for Youth and the Arts, 1994, p.165-1666

[11] *APZ, Libro Spettante alla Lampada del...Zurriec 1745-1791*, 50v, 53r

[12] Barra mill-kantanti tal-Kattidral, sa fejn nistgħu naqbdu, kien iġib minn barra wkoll il-Maestri di Cappella. Fl-1623 insibu s-saċerdot Fontana; fl-1633 is-Saċerdot Berardi u fl-1660 lil Dun Ortens Bennini u Fra Melchierre Sammartino, Naplitan, ta' l-Ordni Ġerosolmitan, fl-1744 laħaq Maestro di Cappella l-ewwel Malti, Dun Benin Zerafa (1744-1804). Warajh laħqu Francesco Azzopardi (1804-1809). P.P.Bugeja (1809-1925), Vincenzo Bugeja (1825-1860), Filippo Bugeja (1860), Dr. Giuseppe Vella (1861-1902), Paolino Vassallo (1902-1923), Carlo Diacono (1923-1924), Patri Albert Borg O.S.A. (1942..." *Maestri di Cappella tal-Kattidral*, Rob. Mifsud Bonnici, Malta, 1950, p.7.)

[13] *Lib. Def. Par. Senglea*, Vol.II-III, Fol.251

[14] *Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax*, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.18, PIN, 2000, p.108

[15] *Mużiċisti Kompożituri*, Rob. Mifsud Bonnici, Giov. Muscat, 1951, p.146

**Biblijografija**


*Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax*, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.18, PIN, 2000

*Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax*, Joseph Vella Bondin, Kullana Vol.19, PIN, 2000

*Malta Culture and Identity*, Henry Frendo u Oliver Friggieri, Ministry for Youth and the Arts, 1994

*Mużiċisti Kompożituri*, Rob. Mifsud Bonnici, Giov. Muscat, 1951,

*Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali*, Rob. Mifsud Bonnici, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960

*Heritage* Nru.60, Midsea Books

*Maestri di Cappella tal-Kattidral*, Rob. Mifsud Bonnici, ABC Printers, 2 Strait Street, Valletta, 1950.

*L'Arte*, Nro.77, Lunedi, 22 Gennaio 1866.

APZ, Libro Spettante alla lampada del...Zurrico 1750-1791, 50v, 53r

Lib. Bapt. Par. Senglea Vol. III, Fol. 144 (retro)

Lib. Def. Par. Senglea Vol. II – III, Fol. 251



JUVE TAILORING

GĦAL ĦJATA MODERNA U XOGĦOL TAJJEB.

ISSIBU WKOLL DRAPPIJIET FINI

TAL-WOOL, WORSTED U TERRYLENE.

Nagħmel ħwejjeġ tal-Preċett u Griżma.

52, St Francis Street, Cospicua

(Fuq San Pawl) Mob: 7959 2633